BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA



# IŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO (SEPA)

## SUQ INTEGRAT GĦALL-PAGAMENTI INDIVIDWALI

# WERREJ


**Kelmtejn qabel** **5**

**Introduzzjoni** **6**

**1. Il-ħolqien ta' Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro** **7**

> Deskrizzjoni qasira tas-SEPA 7
> Għaliex inħolqot is-SEPA? 10
> Inizjattivi tal-industrija bankarja 11
> Skeda 14

**2. L-impatt tas-SEPA fuq dawk li għandhom interess** **15**

> Għall-konsumaturi 16
> Għall-kummerċjanti 16
> Għall-kumpaniji 17
> Għall-banek 17
> Għall-fornituri tal-infrastrutturi 18

**3. Il-komponenti tas-SEPA** **19**

> Strumenti tas-SEPA għall-pagament 19
> Infrastrutturi tas-SEPA 24
> Standardizzazzjoni 25
> Qafas legali 26

**4. Is-SEPA u l-Eurosistema** **27**

> Fehma tal-Eurosistema dwar is-SEPA 27
> Fokus tal-Eurosistema 27
> Biex jiġi żgurat il-ħolqien tas-SEPA 28
> L-aspettattivi tal-Eurosistema fuq żmien twil 29

# KELMTEJN QABEL



Jean-Claude Trichet

Bis-SEPA, il-pagamenti kollha bl-euro jkunu lokali

Mill-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro fl-2002, il-konsumaturi setgħu jħallsu bil-flus kontanti fiż-żona kollha tal-euro minn portmoni uniku u bl-użu ta' munita unika. Issa wasal iż-żmien biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jħallsu mingħajr flus kontanti fiż-żona kollha tal-euro, minn kont uniku u bl-istess kondizzjonijiet bażiċi, ikunu fejn ikunu jinsabu. Biex dan ikun jista' jseħħ, id-diversi swieq għall-pagamenti individwali fiż-żona tal-euro se jingħaqdu biex isiru suq wieħed – iż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA). Fi ħdan is-SEPA, il-pagamenti kollha f'euro jiġu ttrattati bħala pagamenti lokali u d-differenzi ta' bħalissa bejn pagamenti nazzjonali u dawk trans-konfini ma jibqgħux jeżistu. Dan jitlob bidliet mhux biss fil-qasam tal-industrija bankarja, iżda wkoll fid-drawwiet tal-klijenti fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro.

Is-SEPA se ssaħħaħ l-integrazzjoni Ewropea

Dawn il-bidliet huma meħtieġa biex nersqu lejn suq tal-pagamenti iżjed integrat, li jġib miegħu benefiċċji ekonomiċi sostanzjali. Is-SEPA mhux biss se tintroduċi iżjed servizzi komparabbli, iżda se tħeġġeġ ukoll il-kompetizzjoni u tinkoraġġixxi l-innovazzjoni. Dawk l-istituzzjonijiet li jistgħu jħaddnu żviluppi teknoloġiċi ġodda u li joffru iżjed servizzi lill-klijenti, se jgawdu minn dan is-suq ġdid integrat u kompetittiv. Hu importanti li l-proġett tas-SEPA ma jitqiesx bħala "ħaġa ta' darba", iżda għandu jitqies bħala proġett li qed jevolvi l-ħin kollu, li jħeġġeġ l-integrazzjoni Ewropea, u li jipprova jtejjeb l-aspetti kollha tas-suq tal-pagamenti individwali taż-żona tal-euro b'mod kontinwu. Is-SEPA se tikkontribwiixi wkoll b'mod notevoli għall-aġenda ta' Lisbona, li għandha l-għan li tħeġġeġ il-kompetittività u tiżgura l-iżvilupp kontinwu tal-ekonomija Ewropea. Il-proġett tas-SEPA hu element importanti tas-suq uniku tal-Ewropa u jeħtieġ is-sostenn sħiħ ta' dawk kollha li għandhom interess. L-Eurosistema ssostni l-proġett tas-SEPA bil-qawwa.

Is-SEPA se tħeġġeġ il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni, u se ttejjeb il-kondizzjonijiet għall-klijenti



Jean-Claude Trichet

President tal-Bank Ċentrali Ewropew

# INTRODUZZJONI

Wara t-twaqqif tal-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1958, il-moviment favur suq finanzjarju Ewropew iżjed integrat kien ikkaratterizzat minn ħafna ġrajjiet. L-iżjed memorabbli fosthom kienu t-tnedija tal-euro fl-1999 u l-bidla tal-flus kontanti fil-pajjiżi taż-żona tal-euro fl-2002. Inqas imsemmija, iżda importanti daqshom, kienu t-twaqqif fl-1 ta' Jannar 1999 tat-TARGET, sistema tal-banek ċentrali għall-pagament ta' ammonti kbar, u t-twaqqif tat-tieni ġenerazzjoni tas-sistema, it-TARGET2, fl-2007. It-TARGET2 hi l-pern tas-sistema finanzjarja f'euro u hi l-għodda li tħaddem il-politika monetarja unika tal-Eurosistema. Il-proġett tas-SEPA jirrappreżenta l-pass kbir li jmiss biex noqorbu lejn integrazzjoni Ewropea ikbar. Permezz tas-SEPA, il-klijenti se jkunu jistgħu jħallsu bl-euro mingħajr flus kontanti, lil kull benefiċjarju f'kull post fiż-żona tal-euro, billi jużaw kont bankarju uniku u sett uniku ta' strumenti tal-pagament. B'hekk, il-pagamenti individwali kollha f'euro jsiru pagamenti lokali, u fi ħdan iż-żona tal-euro ma jibqa' ebda differenza bejn pagamenti nazzjonali u dawk trans-konfini.

Fl-2002, l-industrija bankarja nidiet dan il-proġett impenjattiv billi ħolqot il-Kunsill Ewropew għall-Pagamenti (EPC). L-EPC qed jiddefinixxi r-regoli u l-proċeduri l-ġodda għall-pagamenti f'euro. Permezz ta' dan, qed jinvolvi mhux biss lil dawk fiż-żona tal-euro li għandhom interess, iżda wkoll lil min għandu interess f'pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea (UE), fl-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera. B'hekk, komunitajiet bankarji barra ż-żona tal-euro se jkunu jistgħu jipparteċipaw fis-sistemi tal-pagament f'euro, u jkunu jistgħu jadottaw l-istandards u l-prassi tas-SEPA, u permezz ta' dan jikkontribwixxu għat-twaqqif ta' suq uniku għas-servizzi tal-pagament.

Dan il-ktejjeb jagħti deskrizzjoni qasira tal-proġett tas-SEPA. L-Eurosistema (il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) taż-żona tal-euro) hi responsabbli għat-tħaddim bla xkiel tas-sistemi tal-pagament fiż-żona tal-euro, u għalhekk qed tisħaq b'mod partikolari fuq il-ħolqien tas-SEPA fiż-żona tal-euro. Għaldaqstant, dan il-ktejjeb jiffoka l-iżjed fuq iż-żona tal-euro.



# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO



## > DESKRIZZJONI QASIRA TAS-SEPA

### IS-SEPA HI:

> żona fejn il-konsumaturi, il-kumpaniji u parteċipanti ekonomiċi oħra se jkunu jistgħu jħallsu u jitħalsu f'euro, kemm fi ħdan, kif ukoll barra l-konfini nazzjonali, bl-istess kondizzjonijiet, drittijiet u obbligi bażiċi, ikunu fejn ikunu jinsabu.

### L-GĦAN TAS-SEPA HU:

> li ssaħħaħ l-integrazzjoni Ewropea billi twaqqaf suq uniku għall-pagamenti individwali. Il-fatt li jkun hemm suq uniku għall-pagamenti kollha f'euro se jħeġġeġ il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni u b'hekk joħloq servizzi aħjar għall-klijenti.

### IS-SEPA TIKKONSISTI MINN:

> munita unika;
> sett uniku ta' strumenti tal-pagament f'euro – trasferimenti ta' kreditu, debitar dirett u pagamenti bil-kards;
> infrastrutturi effiċjenti għall-ipproċessar tal-pagamenti f'euro;
> standards tekniċi komuni;
> prassi komuni tan-negozju;
> bażi legali armonizzata;
> żvilupp kontinwu ta' servizzi ġodda għall-klijenti.

# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO

**IS-SEPA TIRRIKJEDI AZZJONI REĊIPROKA BEJN L-OQSMA KOLLHA LI ĠEJJIN.**

> L-**industrija bankarja Ewropea** hi responsabbli għar-ristrutturar tas-sistemi tal-pagament taż-żona tal-euro. Fuq żmien qasir, dan ir-ristrutturar se jiġġenera spejjeż konsiderevoli; madankollu, fuq żmien medju sa twil, l-industrija bankarja Ewropea se tgawdi minn tnaqqis fl-ispejjeż u minn potenzjal għal sorsi ġodda ta' dħul. Biex tikkoordina l-isforzi tagħha, l-industrija waqqfet korp deċiżjonali biex jimmaniġġa u jikkoordina l-proġett tas-SEPA. Dan il-korp, magħruf bħala l-Kunsill Ewropew għall-Pagamenti, jikkonsisti minn 74 bank u assoċjazzjonijiet bankarji Ewropej, inklużi t-tliet assoċjazzjonijiet Ewropej tas-settur tal-kreditu u l-Assoċjazzjoni Bankarja tal-Euro (EBA). Parteċipanti fl-industrija mill-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera huma wkoll rappreżentati fl-EPC, li l-ħidma tiegħu tkopri l-pagamenti kollha f'euro f'dawn il-pajjiżi.

www.europeanpaymentscouncil.eu

> L-għan tal-**Industrija Ewropea għall-ikklerjar u s-saldi** hu li tiżgura li kull benefiċjarju fiż-żona tal-euro jista' jintlaħaq permezz tal-istrumenti tas-SEPA. Fornituri diversi tal-infrastrutturi, bħal p.e. (kmamar tal-ikklerjar awtomatizzati – ACHs), u dawk li jipproċessaw il-kards, jipparteċipaw attivament f'dan ix-xogħol. L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kmamar tal-Ikklerjar Awtomatiku (EACHA) żviluppat sett ta' proċeduri biex tiżgura ħidma reċiproka fost l-infrastrutturi, waqt li l-EBA żviluppat STEP2, l-ewwel kamra pan-Ewropea tal-ikklerjar awtomatiku (PEACH), għall-ikklerjar tal-pagamenti f'euro, kemm dawk trans-konfini kif ukoll dawk nazzjonali.

www.abe.org

> **Kumpaniji taż-żona tal-euro** (korporazzjonijiet, kummerċjanti, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju) huma involuti fl-iżvilupp ta' servizzi biex il-proċess tal-pagament jiġi awtomatizzat. Dawn is-servizzi jvarjaw minn servizzi ta' ħruġ ta' kontijiet sa dawk tat-tqabbil, u jgħinu biex jiżguraw il-proċessar tal-pagamenti kollha mill-bidu sat-tmiem mingħajr waqfien (STP). Dan inaqqas l-ispejjeż ta' min iħallas u min jitħallas, billi l-pagamenti jsiru bla karti u mingħajr interventi manwali. It-teżorieri korporattivi huma rappreżentati fl-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Teżorieri Korporattivi (EACT).

www.eact.eu



# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO



> **L-amministrazzjonijiet pubbliċi** u **l-konsumaturi** se jkunu l-utenti tal-istrumenti l-ġodda tas-SEPA għall-pagamenti. Il-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet pubbliċi jagħmlu pagamenti sostanzjali f'livelli kemm nazzjonali kif ukoll trans-konfini f'oqsma bħal p.e. tal-pensjonijiet, tas-sigurtà soċjali u tat-tassazzjoni. Għalhekk jeħtieġ impenn sod min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (il-Kunsill ECOFIN) tenna kemm il-darba s-sostenn qawwi tiegħu għall-ħolqien tas-SEPA.

www.consilium.europa.eu

L-**awtoritajiet pubbliċi** li ġejjin huma involuti fil-proġett tas-SEPA.

> L-**Eurosistema** saħqet fuq l-aspettattivi tagħha għal dan il-proġett f'ħafna pubblikazzjonijiet, u qed tissorvelja mill-qrib il-progress u l-iżviluppi relatati mas-SEPA.

> Il-**Kummissjoni Ewropea** żviluppat strateġija maħsuba biex twarrab ix-xkiel fis-suq intern u tagħmel ir-regoli tas-suq iżjed sempliċi. Per eżempju, issuġġeriet Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament (PSD), li ġiet approvata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE fl-2007.

> **L-awtoritajiet nazzjonali** huma mistennija jinvolvu ruħhom dejjem iżjed u li jkunu minn tal-ewwel li jadottaw l-iskemi tas-SEPA għall-pagament.

www.ecb.europa.eu
www.ec.europa.eu/internal_market

# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO

## > GĦALIEX INĦOLQOT IS-SEPA?

Bħalissa, l-ekonomija taż-żona tal-euro ma tistax tapprofitta ruħha għal kollox mill-benefiċċji tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Il-klijenti qed ikollhom diffikultajiet meta jagħmlu pagamenti individwali bl-euro lil pajjiżi oħra taż-żona tal-euro, minħabba li dawn il-pagamenti spiss jirrikjedu formats differenti ta' pagament u jieħdu ħafna iżjed ħin. Sakemm tibqa' din is-sitwazzjoni, l-euro ma jistax jitqies bħala munita unika implimentata bis-sħiħ.

Bħalissa l-ekonomija taż-żona tal-euro ma tistax tapprofitta ruħha mill-benefiċċji tas-suq uniku

Minkejja l-introduzzjoni tal-euro fl-1999 u l-iżvilupp tat-TARGET/TARGET2, is-sistema komuni tal-pagament ta' ammonti kbar f'euro, u l-pagamenti elettroniċi ta' ammonti żgħar (jiġifieri pagamenti individwali) għadhom qed jiġu proċessati b'mod differenti fiż-żona kollha tal-euro. Meta wieħed iqis kollox, jara li l-għadd u l-varjetà tal-istrumenti tal-pagament, tal-istandards u tal-infrastrutturi għall-ipproċessar tal-pagamenti individwali ma nbidlux ħafna minn meta ġie introdott l-euro. Għalhekk, f'ambjent bħal dan, il-kumpaniji li jagħmlu għadd sostanzjali ta' pagamenti trans-konfini jkollhom iżommu kontijiet bankarji f'ħafna pajjiżi fejn jagħmlu n-negozju. Il-leġiżlazzjoni tkompli tikkomplika n-negozju trans-konfini, billi dawk li għandhom interess jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' regoli u rekwiżiti differenti skond il-pajjiż li miegħu jagħmlu n-negozju.

Din is-sistema frammentarja taffettwa mhux biss il-pagamenti trans-konfini iżda wkoll il-pagamenti nazzjonali f'euro, minħabba li xxekkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni fil-livell taż-żona tal-euro. Il-ħolqien ta' suq uniku se jippermetti żieda fl-innovazzjoni mingħajr ma jingħata kas tal-konfini nazzjonali.

Is-swieq Ewropej għall-pagamenti individwali li huma frammentati, ftit ftit jiġu sostitwiti minn suq taż-żona tal-euro komplut u kompetittiv

Għalhekk, l-għan tas-SEPA hu li toħloq suq kompetittiv u innovattiv għall-pagamenti individwali, għall-pagamenti kollha f'euro mingħajr flus kontanti li, eventwalment jibdew isiru b'mod għal kollox elettroniku. B'hekk is-SEPA tisfa' ta' ġid għall-klijenti kollha.



# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO




## > INIZJATTIVI TAL-INDUSTRIJA BANKARJA

Fil-mixja lejn is-SEPA, l-industrija bankarja saħqet l-iżjed fuq l-iżvilupp tal-istrumenti tal-pagament tas-SEPA. L-ewwel, l-industrija żviluppat skemi ġodda tal-pagament għat-trasferiment tal-kreditu u għad-debitar dirett, u sawwret ukoll qafas għall-pagamenti bil-kards. It-tieni, identifikat il-prinċipji għall-infrastrutturi bażi tal-ipproċessar, u ħadet ħsieb il-kwistjonijiet tal-istandardizzazzjoni. Dawn il-passi għenu l-implimentazzjoni tal-istrumenti komuni l-ġodda għall-pagament fiż-żona tal-euro. Waqt li fil-bidu dan ix-xogħol iffoka l-iżjed fuq il-qasam interbankarju, fl-2008 l-industrija bankarja bdiet taħseb kif setgħet ittejjeb il-maniġġ tal-pagamenti bejn il-klijenti u l-banek (jiġifieri, l-oqsma klijent-lill-bank u bank-lill-klijent).

L-**istrumenti tal-pagament** il-ġodda offruti mill-industrija bankarja lill-klijenti se jkunu bbażati fuq sett ġdid ta' regoli, prassi u standards għall-pagamenti f'euro.

L-EPC fassal regolamenti għall-iskema tat-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA u għall-iskemi tad-debitar dirett bis-SEPA – kif ukoll qafas għall-pagament bil-kards fis-SEPA – li fi ħdanhom il-banek jistgħu jiżviluppaw prodotti tal-pagament bis-SEPA.

Fir-rigward tat-trasferiment tal-kreditu u d-debitar dirett, tfasslu skemi komuni ġodda li jippermettu lill-klijenti jibagħtu/jirċievu trasferimenti f'euro lil/mingħand kwalunkwe kontroparti fiż-żona tal-euro. Dawn l-iskemi huma definiti fir-regolamenti li jkopru r-regoli, il-prassi u l-istandards applikabbli għal pagamenti bħal dawn f'euro. Għall-pagamenti bil-kards, ingħażlet strateġija ta' "adattament" biex tippermetti lill-iskemi eżistenti u lill-operatur(i) tagħhom jaġġustaw għal sett ġdid ta' standards u proċessi tekniċi u operazzjonali. L-EPC stabbilixxa qafas li jfisser kif l-iskemi tal-kards (kif ukoll min joħroġ, jakkwista u jħaddem il-kards) għandhom jadattaw l-operazzjonijiet attwali tagħhom biex jikkonformaw mal-prinċipji tas-SEPA għall-pagamenti f'euro permezz tal-kards. Karatteristika ċentrali tal-istrumenti l-ġodda tal-pagament hi d-distinzjoni ċara bejn l-iskemi (jiġifieri r-regoli, l-prassi u l-istandards) u l-infrastrutturi. Dan se jippermetti lill-infrastrutturi kollha jipproċessaw il-pagamenti bis-SEPA.

# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO

L-istituzzjonijiet finanzjarji huma responsabbli għall-kwalità tal-prodotti SEPA tagħhom, u jistgħu joffru lill-klijenti tagħhom prodotti mtejba, sakemm dawn ikunu konformi mad-diversi skemi u oqfsa.

L-**infrastrutturi** jimmaniġġaw l-aspett operazzjonali tal-ikklerjar u s-saldu tal-pagamenti f'euro.

L-EPC iddefinixxa qafas li jiċċara r-regoli u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-fornituri tal-infrastrutturi (jiġifieri, ACHs, proċessuri tal-iskemi tal-kards u proċessuri oħra li jimmaniġġaw, jittrasferixxu u jiskambjaw tagħrif dwar pagamenti għall-istituzzjonijiet finanzjarji).

Tradizzjonalment, dawn il-fornituri tal-infrastrutturi kienu responsabbli għall-maniġġ tar-regoli, l-prassi u l-istandards relatati mal-pagamenti magħmula fl-istess pajjiż, u tipikament joffru wkoll is-servizzi tal-ipproċessar tagħhom lill-istituzzjonijiet finanzjarji. Fl-ambjent il-ġdid tas-SEPA, ir-regoli u l-istandards huma definiti fl-iskemi tas-SEPA, li huma mifruda mill-infrastrutturi tal-ipproċessar. Din il-firda tippermetti lill-fornituri tal-infrastrutturi li jikkompetu u joffru s-servizzi tal-ipproċessar tagħhom lill-kwalunkwe bank jew fornitur tal-iskemi tal-kards.

STEP2, l-ewwel kamra pan-Ewropea għall-ikklerjar awtomatiku, hi mmaniġġata mill-EBA Clearing. Kmamar Ewropej oħra tal-ikklerjar, li huma rappreżentati mill-EACHA, żviluppaw qafas li jiffaċilita t-tħaddim reċiproku bejn diversi infrastrutturi Ewropej. B'hekk, dan il-qafas għandu jippermetti li t-trasferimenti tal-kreditu u d-debitar dirett bis-SEPA jintbagħtu minn, u jaslu għand, kwalunkwe klijent fl-Ewropa.

### Servizzi fil-qasam klijent-lill-bank

Abbażi tal-iskemi tas-SEPA, l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu, individwalment jew flimkien ma' oħrajn, ifasslu prodotti mtejba u joffruhom lill-klijenti tagħhom. Dawn is-servizzi għandhom ikunu trasparenti, u l-EPC għandu jiġi mgħarraf meta jibdew jitħaddmu.

Fl-iżvilupp tal-iskemi u l-oqfsa tas-SEPA, l-EPC iffoka fuq il-qasam interbankarju. Fl-2008, l-EPC iddeċieda li jwessa' l-iskop u jintensifika l-ħidma tiegħu fil-



# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO



qasam klijent-lill-bank. L-għan hu li jiġu żviluppati servizzi li jtejbu l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA fl-oqsma kollha tas-SEPA.

Beda x-xogħol fuq is-servizzi li jippermettu lill-klijenti jibdew pagamenti bis-SEPA fil-qasam ta' bejgħ u xiri onlajn permezz tas-servizzi bankarji bl-internet (jiġifieri **bidu ta' pagament onlajn**) jew permezz tal-mowbajl (jiġifieri **bidu ta' pagament bil-mowbajl**). Servizzi oħra jippermettu l-konferma elettronika tal-pagamenti. Is-servizz tat-**tqabbil elettroniku**, per eżempju, jiġi offrut lill-klijenti wara l-pagament. Il-kontijiet jitqabblu elettronikament mal-pagamenti, u r-rekords ta' min iħallas jiġu aġġornati awtomatikament. L-Eurosistema ħeġġet lill-EPC biex ikompli l-ħidma tiegħu fuq dawn is-servizzi ta' valur miżjud.

Barra l-EPC, beda x-xogħol fuq wieħed mis-servizzi ta' valur miżjud l-iżjed użat: il-**ħruġ elettroniku tal-kontijiet**. Dan is-servizz jiġi offrut lill-klijenti qabel il-pagament. Il-kontijiet jintbagħtu direttament lill-applikazzjoni tas-servizzi internet tal-bank ta' min iħallas, u meta dak li għandu jħallas jaċċetta l-kont, tinħoloq ordni awtomatika għall-pagament li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti dwar min qed iħallas u min qed jitħallas. Din il-ħidma qed issir mill-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħruġ elettroniku tal-kontijiet. L-għan hu li jiġi żviluppat qafas għall-ħruġ elettroniku tal-kontijiet sa tmiem l-2009. Il-BĊE jħeġġeġ bil-qawwa inizjattivi bħal dawn, għax meta jingħaqdu servizzi ta' valur miżjud mal-istrumenti tal-pagament tas-SEPA l-ekonomija tista' tiffranka l-flus, bl-eliminazzjoni tal-karti u billi jintlaħqu servizzi STP mill-bidu sat-tmiem.

Servizzi ta' valur miżjud offruti qabel il-pagament

Proċessar tal-pagament

Servizzi ta' valur miżjud offruti wara l-pagament

**Proċessar kontinwu mill-bidu sat-tmiem**

# IL-ĦOLQIEN TAŻ-ŻONA UNIKA TA' PAGAMENTI F'EURO

## > SKEDA

L-EPC ippjana l-iskeda tiegħu għall-proġett tas-SEPA madwar tliet fażijiet: il-fażi tad-disinn, il-fażi tal-implimentazzjoni u l-fażi tal-migrazzjoni.

**L-iskeda tal-EPC**




L-ewwel fażi, il-**fażi tad-disinn**, bdiet fl-2004. Din il-fażi kienet tinvolvi d-disinn tal-iskemi l-ġodda għat-trasferiment tal-kreditu u d-debitar dirett u l-oqfsa tal-infrastrutturi għall-kards u l-ikklerjar u s-saldi. L-istandards meħtieġa ġew żviluppati u r-rekwiżiti tas-sigurtà ġew speċifikati wkoll.

It-tieni fażi, il-**fażi tal-implimentazzjoni**, bdiet f'nofs l-2006 u baqgħat sejra sa tmiem l-2007. Din il-fażi tal-proġett ikkonċentrat fuq it-tħejjijiet għall-introduzzjoni tal-istrumenti, l-istandards u l-infrastrutturi l-ġodda tas-SEPA. L-eżerċizzji tal-ittestjar saru wkoll f'din il-fażi. Il-korpi nazzjonali inkarigati mill-implimentazzjoni/migrazzjoni f'kull pajjiż taż-żona tal-euro għenu billi ssorveljaw it-tħejjijiet għall-introduzzjoni tas-SEPA min-naħa tad-diversi partijiet li kellhom interess. Dawk li kellhom interess kienu diversi ħafna, u kienu jikkonsistu f'għadd ta' partijiet bħal ma huma l-banek, l-operaturi tal-infrastrutturi, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, kumpaniji u utenti oħra.

L-aħħar fażi hi l-**fażi tal-migrazzjoni**, li waqtha se jkunu jeżistu flimkien l-iskemi nazzjonali tal-pagament u l-iskemi l-ġodda tas-SEPA. Lill-klijenti se jiġu offruti kemm l-istrumenti nazzjonali "l-qodma" kif ukoll l-istrumenti l-ġodda tas-SEPA, u l-infrastrutturi għall-ikklerjar u s-saldu se jkunu jistgħu jipproċessaw pagamenti li jsiru biż-żewġ tipi ta' strumenti. L-għan hu li tintlaħaq migrazzjoni lejn is-SEPA li tkun gradwali u mmexxija mis-suq, biex sa tmiem l-2010, tkun saret il-migrazzjoni ta' massa kruċjali ta' transazzjonijiet.

Wara l-perijodu tal-migrazzjoni, is-servizzi biex wieħed jibgħat jew jirċievi pagamenti f'euro li jkunu bbażati fuq l-iskemi attwali domestiċi għat-trasferiment tal-kreditu u d-debitar dirett (jew skemi ekwivalenti) ma jibqgħux disponibbli għall-klijenti.



# 2

# L-IMPATT TAS-SEPA FUQ DAWK LI GĦANDHOM INTERESS




Il-proġett tas-SEPA se jkollu impatt kbir fuq dawk kollha li għandhom interess, u se joħloq opportunitajiet kif ukoll sfidi. Is-SEPA se toħloq iżjed kompetizzjoni billi tbiddel iż-żona tal-euro f'suq integrat fejn il-fornituri jistgħu joffru s-servizzi tagħhom liż-żona kollha tal-euro. Għażla ikbar ta' fornituri tas-servizzi, flimkien ma' ekonomiji fil-kobor, se jiżguraw li l-klijenti jkollhom firxa usa' ta' soluzzjonijiet kompetittivi għall-pagament. Is-SEPA se tipprovdi wkoll għadd sinifikanti ta' benefiċċji oħra.

# L-IMPATT TAS-SEPA FUQ DAWK LI GĦANDHOM INTERESS

## > GĦALL-KONSUMATURI

L-istrumenti tal-pagament tas-SEPA se jkunu disponibbli fiż-żona kollha tal-euro, u b'hekk, se jiffaċilitaw l-affarijiet għall-konsumaturi.

> Il-konsumaturi se **jkollhom bżonn ta' kont bankarju wieħed**. Minn dan il-kont, se jkunu jistgħu jagħmlu trasferimenti tal-kreditu u pagamenti bid-debitar dirett f'euro fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro, bl-istess faċilità bħal meta jagħmlu pagamenti nazzjonali. Per eżempju, jistgħu jħallsu l-kera għat-tfal li jkunu qed jistudjaw barra l-pajjiż, iħallsu għal dar tal-villeġġatura, jew iħallsu għal servizzi pprovduti minn kumpaniji Ewropej (servizzi tal-mowbajl, assigurazzjoni, servizzi tal-ilma, elettriku, gass, eċċ.). Dawk li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw barra pajjiżhom mhux se jkunu jeħtieġu kont bankarju f'pajjiżhom u ieħor barra l-pajjiż.

> L-użu tal-**kards tal-pagament** se jkun iżjed effiċjenti, għax il-konsumaturi jkunu jistgħu jużaw l-istess kard għall-pagamenti kollha f'euro. Dan se jnaqqas il-ħtieġa li wieħed iġorr il-flus kontanti.

> Se jkun possibbli li jiġu offruti **servizzi innovattivi** lill-konsumaturi bla ma jingħata kas tal-konfini nazzjonali. L-għan fuq żmien twil tal-industrija bankarja hu li l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA jintużaw biss f'forma elettronika. Imbagħad il-pagamenti jistgħu faċilment isiru flimkien ma' servizzi ta' valur miżjud (jiġifieri servizzi maħsuba biex il-proċess tal-pagament qabel u wara t-twettiq ta' xi pagament isir iżjed sempliċi għall-konsumatur u għan-negozji). Dawn jinkludu ħruġ elettroniku ta' kontijiet, bidu tal-pagament bil-mowbajl jew bl-internet, biljetti tal-ajru elettroniċi, u tqabbil elettroniku. Bħala konsegwenza, il-konsumaturi jitilfu inqas ħin biex jimmaniġġaw il-pagamenti.

## > GĦALL-KUMMERĊJANTI

Il-kards tal-pagament qed isiru popolari ħafna fost il-konsumaturi u qed jissostitwixxu dejjem iżjed il-pagamenti biċ-ċekkijiet u bil-flus kontanti. Għalhekk, fil-ġejjieni l-użu tal-kards mistenni jiżdied. Biex jaċċettaw pagamenti bil-kards, il-kummerċjanti jeħtieġu ftehim ma' bank akkwirenti, li jipproċessa l-pagamenti bil-kards għall-kummerċjant billi jimmaniġġa informazzjoni dwar il-pagament u sid il-kard, u billi jibgħat din l-informazzjoni lill-bank ta' sid il-kard permezz ta' infrastruttura tal-ikklerjar. F'dan ir-rigward, is-SEPA toffri l-vantaġġi li ġejjin.

> Min jixtri se jkun jista' jipproċessa l-pagamenti kollha bil-kard li tkun konformi mas-SEPA, inklużi pagamenti trans-konfini. Fl-ambjent tas-SEPA, il-kummerċjanti se jkunu jistgħu **jagħżlu kwalunkwe akkwirent** fiż-żona tal-euro biex jipproċessa l-pagamenti tagħhom bil-kard; dan se jżid il-kompetizzjoni u jnaqqas l-ispejjeż.

> It-terminals tal-post tal-bejgħ fiż-żona tal-euro se jsiru **dejjem iżjed standardizzati**. Minħabba dan, se jkun hemm għażla ikbar ta' fornituri tat-terminals, u l-kummerċjanti se jkunu jistgħu jaċċettaw firxa usa' ta' kards b'terminal wieħed. Il-kompetizzjoni iżjed qawwija bejn l-iskemi tal-kards għandha wkoll tnaqqas il-ħlas ta' drittijiet għas-servizz min-naħa tal-kummerċjanti.





# L-IMPATT TAS-SEPA FUQ DAWK LI GĦANDHOM INTERESS

## > GĦALL-KUMPANIJI

Is-SEPA se tgħin lill-kumpaniji biex jimmaniġġaw il-pagamenti tagħhom b'mod iżjed sempliċi.

> Il-kumpaniji jkunu jistgħu jagħmlu t-transazzjonijiet finanzjarji kollha tagħhom li jkunu denominati f'euro, b'mod ċentrali, minn **kont bankarju wieħed, bl-użu tal-istrumenti tal-pagament tas-SEPA**. Il-maniġġ tal-pagamenti se jkun iżjed sempliċi, billi l-pagamenti kollha dieħlin u ħerġin se jkollhom l-istess format. Billi jikkonsolidaw il-maniġġ tagħhom tal-pagamenti u tal-likwidità f'post wieħed, il-kumpaniji li jagħmlu negozju fiż-żona kollha tal-euro se jiffrankaw mhux biss l-ispejjeż iżda wkoll il-ħin.

> **Is-servizzi ta' valur miżjud**, bħal ma huma l-ħruġ elettroniku tal-kontijiet u t-tqabbil elettroniku, se jgħinu lill-kumpaniji biex itejbu l-maniġġ tagħhom tal-pagamenti. Illum, dawn is-servizzi huma spiss offruti nazzjonalment biss, minħabba li l-eżistenza ta' formats differenti tal-pagament u rekwiżiti legali differenti jagħmlu l-użu trans-konfini diffiċli. L-iskemi standardizzati għall-pagament bis-SEPA se jagħmluha iżjed faċli li jitwarrab dan ix-xkiel u l-kumpaniji se jgawdu minn STP mill-bidu sat-tmiem.

## > GĦALL-BANEK

Bil-provvediment ta' strumenti ġodda tal-pagament u infrastrutturi ġodda fiż-żona kollha tal-euro, il-banek se jgawdu mis-SEPA kif ġej.

> Il-banek se jkunu jistgħu jespandu n-negozju tagħhom u jikkompetu fil-livell taż-żona tal-euro, billi se jkunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom iżjed faċilment lill-klijenti fiż-żona kollha tal-euro. Il-banek se jkunu jistgħu jespandu wkoll in-negozju tagħhom billi, minbarra l-prodotti tas-SEPA, joffru servizzi ta' valur miżjud lill-klijenti tagħhom.

> Is-SEPA se twassal għal iżjed integrazzjoni Ewropea u swieq iżjed effiċjenti. Bl-allinjament tal-kondizzjonijiet li jirregolaw il-pagamenti, is-SEPA se twassal għal sett uniku ta' regoli, aċċess ugwali u miftuħ, aċċessibilità, trasparenza u l-operazzjoni reċiproka bejn id-diversi infrastrutturi; dan kollu se jħeġġeġ il-kompetizzjoni, u b'hekk jippermetti lill-banek jinnegozjaw kondizzjonijiet aħjar mal-fornituri tagħhom tas-servizzi.

Ir-**Regolament Nru. 2560/2001** ġie introdott biex l-ispejjeż għal pagamenti komparabbli domestiċi u trans-konfini jkunu l-istess. Mill-1 ta' Lulju 2002, dan beda japplika għall-pagamenti u l-ġbid bil-kards mill-kaxxiera awtomatiċi (ATMs), u mill-1 ta' Lulju 2003 beda japplika għat-trasferimenti tal-kreditu sa valur ta' €12,500. Mill-1 ta' Jannar 2006, beda japplika wkoll għal trasferimenti f'euro sa valur ta' €50,000 bejn żewġ kontijiet bankarji fl-UE denominati f'euro. Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li għandhom jiġu estiżi r-regoli dwar il-pagamenti trans-konfini f'euro biex jinkludu d-debitar dirett, u fl-2009 se tlesti l-eżami li qed tagħmel tar-Regolament biex tiffaċilita s-SEPA.

# L-IMPATT TAS-SEPA FUQ DAWK LI GĦANDHOM INTERESS

> Ir-Regolament Nru. 2560/2001, li stabbilixxa l-prinċipju ta' spejjeż amministrattivi ugwali għal pagamenti komparabbli trans-konfini u lokali fi ħdan l-UE, ħoloq żbilanċ bejn il-ħlas ta' drittijiet li jitolbu l-banek u l-ispejjeż għall-pagamenti trans-konfini. Dan l-iżbilanċ jista' jingħeleb biss jekk il-maniġġ tal-pagamenti trans-konfini – fis-sens ta' proċessar, klerjar u saldu – jiġi riorganizzat biex isir **effiċjenti u rħis** daqs il-maniġġ ta' pagamenti nazzjonali, li hu l-għan ewlieni tas-SEPA.

## > GĦALL-FORNITURI TAL-INFRASTRUTTURI

Il-firda bejn l-iżvilupp tal-iskemi u l-forrnituri tal-infrastrutturi (jiġifieri ACHs u proċessuri tal-kards) għandha żżid il-kompetizzjoni fost il-forrnituri tal-infrastrutturi.

> Il-forrnituri tal-infrastrutturi **mhux se jibqgħu marbutin mill-konfini nazzjonali**, u minflok se jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom fiż-żona kollha tal-euro.

> **L-operazzjoni bejn id-diversi infrastrutturi** jew il-konnessjoni bejn id-diversi forrnituri tal-infrastrutturi tkun tista' ssir permezz ta' sett komuni ta' standards tekniċi.

> Il-proċessuri tal-kards ikunu jistgħu **jservu skemi differenti tal-kards u akkwirenti diversi** fiż-żona kollha tal-euro.

### EFFETTI TAL-MIGRAZZJONI FUQ IL-KLIJENTI

L-impatt ġenerali li l-bidla għas-SEPA se jkollha fuq il-klijenti mistenni jkun żgħir. Il-klijenti jistgħu jġarrbu l-esperjenza ta' xi bidliet meta l-istrumenti domestiċi tal-pagament jiġu sostitwiti mill-istrumenti tal-pagament tas-SEPA. Per eżempju, in-numru tal-kont bankarju nazzjonali tal-klijent se jiġi sostitwit mill-IBAN, u l-formoli użati biex jinbdew il-pagamenti jistgħu jkunu differenti fil-mod kif ikunu mqassma, minn dawk użati bħalissa fuq livell nazzjonali.



# 3 IL-KOMPONENTI TAS-SEPA



Il-ħolqien ta' suq uniku għall-pagamenti individwali fiż-żona tal-euro hu proċess kontinwu. Madankollu, issa li l-partijiet tas-sistema huma kważi kollha lesti, twettqet ġrajja sinifikanti. Il-pass li jmiss hu l-iżvilupp u l-offerta ta' servizzi ta' valur miżjud għall-klijenti. Dawn se jtejbu l-pagamenti bis-SEPA u jiggarantixxu faċilità fl-użu; b'hekk iħeġġu t-twaqqif ta' żona għall-pagamenti bla karti b'STP mill-bidu sat-tmiem għall-pagamenti kollha.




## > STRUMENTI TAS-SEPA GĦALL-PAGAMENT

L-EPC stabbilixxa żewġ skemi ġodda tal-pagament – l-iskema għat-trasferiment tal-kreditu bis-SEPA u l-iskema għad-debitar dirett bis-SEPA – kif ukoll qafas tal-kards tas-SEPA. L-istrumenti nazzjonali ta' bħalissa se jiġu sostitwiti ftit ftit mill-istrumenti tas-SEPA abbażi ta' dawn l-iskemi u oqfsa komuni tas-SEPA.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA

## TRASFERIMENT TA' KREDITU BIS-SEPA

L-iskema għat-trasferiment ta' kreditu bis-SEPA (SCT) hi skema ta' pagament interbankarju li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli u proċessi għat-trasferimenti ta' kreditu denominat f'euro. L-iskema tistabbilixxi livell komuni ta' servizz u skeda komuni li l-istituzzjonijiet finanzjarji parteċipanti għandhom jirrispettaw meta jagħmlu trasferimenti individwali ta' kreditu bis-SEPA. L-iskema tnediet f'Jannar 2008.



**Karatteristiċi tal-iskema tal-SCT**

> Hemm aċċessibilità fis-SEPA kollha – jista' jintlaħaq kwalunkwe klijent.
> L-ammont sħiħ jiġi kkreditat lill-kont bankarju tal-benefiċjarju; m'hemmx limiti għall-valur tal-pagament.
> Iż-żmien massimu għas-saldu hu ta' tlett ijiem tax-xogħol[1].
> L-iskema hi mifruda mill-infrastruttura għall-ipproċessar.
> L-IBAN u l-BIC jintużaw biex jiġu identifikati l-kontijiet bankarji.
> Hemm sett komprensiv ta' regoli għall-pagamenti miċħuda jew mibgħuta lura.

X'inhu trasferiment tal-kreditu?

Pagament mibdi minn min ikun qed iħallas. Fi trasferiment tal-kreditu, tintbagħat ordni għall-pagament lill-bank ta' min ikun qed iħallas (jiġifieri l-bank ta' min qed jibgħat), li jibgħat il-flus lill-bank ta' min ikun qed jitħallas (jiġifieri l-bank ta' min qed jirċievi), possibbilment permezz ta' ħafna intermedjarji.

1) Skond id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament, li tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2009, iż-żmien massimu għas-saldu se jkun ta' tlett ijiem tax-xogħol sal-1 ta' Jannar 2012 u ta' jum wieħed biss wara din id-data.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA



## DEBITAR DIRETT BIS-SEPA

L-iskema tad-debitar dirett bis-SEPA (SDD) hi skema ta' pagament interbankarju li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli u proċessi għad-debitar dirett denominat f'euro. L-iskema tistabbilixxi livell komuni ta' servizz u skeda komuni li l-istituzzjonijiet finanzjarji parteċipanti għandhom jirrispettaw meta jagħmlu debitar dirett bis-SEPA. L-iskema SDD se titnieda fl-1 ta' Novembru 2009.

### Il-mudell SDD bażiku

Fl-iskema SDD il-ġdida, id-debitur se jagħti l-mandat direttament lill-kreditur. Soluzzjoni ta' mandat elettroniku se tippermetti lill-konsumaturi jibdew mandati elettroniċi permezz tal-applikazzjoni bankarja onlajn tagħhom.

### Karatteristiċi tal-iskema SDD

> Din toffri aċċess sħiħ fis-SEPA kollha – id-debitar dirett jista' jsir lil kwalunkwe riċevitur.
> Din tkopri kemm pagamenti rikorrenti kif ukoll pagamenti ta' darba f'euro.
> Iż-żmien meħtieġ għal transazzjoni hu ta' ħamest ijiem tax-xogħol għal pagament ta' darba jew għall-ewwel wieħed minn sensiela ta' pagamenti rikorrenti, u ta' jumejn tax-xogħol għall-pagamenti rikorrenti li jkun imiss.
> L-iskema hi mifruda mill-infrastruttura għall-ipproċessar.
> Kemm l-IBAN kif ukoll il-BIC jintużaw biex jiġu identifikati l-kontijiet bankarji.
> Din tiżgura sett komprensiv ta' regoli għal pagamenti miċħuda jew mibgħuta lura.

### Kratteristiċi speċjali

> Ġiet żviluppata wkoll skema ta' debitar dirett minn negozju għal ieħor. Dan hu bbażat fuq l-iskema ċentrali tad-debitar dirett, b'karatteristiċi addizzjonali speċifiċi għall-użu fi transazzjonijiet minn negozju għal ieħor.

X'inhu debitu dirett?

Trasferiment mibdi minn min qed jitħallas (jiġifieri r-riċevitur) permezz tal-bank ta' min qed jitħallas wara ftehim bejn min qed jitħallas u min qed iħallas (jiġifieri min jibgħat). Debiti diretti spiss jintużaw għal pagamenti rikorrenti (bħal kontijiet tad-dawl u l-ilma), bi skeda ta' pagament awtorizzata minn qabel minn min ikun qed iħallas. Debiti diretti jintużaw ukoll għal pagamenti ta' darba fejn min qed iħallas jawtorizza pagament individwali.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA



## PAGAMENTI BIL-KARDS PERMEZZ TAS-SEPA

Il-pagamenti bil-kards permezz tas-SEPA se jsiru skond sett ta' prinċipji ta' livell għoli li se jkollhom jiġu osservati minn dawk li joħorġu l-kards, l-akkwirenti, l-iskemi u l-operaturi tal-kards. Dawn il-prinċipji ġew żviluppati mill-EPC u jissejħu "Il-qafas tal-kards tas-SEPA".

**Karatteristiċi ta' pagamenti bil-kards fis-SEPA**

> Min ikollu kard se jkun jista' jħallas b'kard waħda fiż-żona kollha tal-euro (l-uniku limitu jkun dak impost mill-aċċettazzjoni tal-marka (tal-kard) min-naħa tal-kummerċjanti).

> Id-detenturi tal-kards u l-kummerċjanti se jkunu jistgħu jagħmlu u jirċievu pagamenti bil-kards fiż-żona tal-euro kollha kemm hi, b'mod komuni u konsistenti.

> Dawk li jipproċessaw il-pagamenti bil-kards se jkunu jistgħu jikkompetu bejniethom u joffru s-servizzi tagħhom fiż-żona tal-euro kollha kemm hi, u b'hekk jirrendu s-suq għall-ipproċessar tal-pagamenti bil-kards iżjed kompetittiv, affidabbli u b'nefqa effiċjenti.

X'inhu pagament bil-kard?

Mill-ħafna tipi ta' kards tal-pagament li huma disponibbli għad-detenturi tal-kards, nistgħu nidentifikaw żewġ tipi ewlenin:

> **kards tad-debitu**, li jippermettu lid-detentur tal-kard jiċċarġja dak li jixtri direttament u individwalment lil kont bankarju;

> **kards tal-kreditu**, li jippermettu lid-detentur tal-kard jagħmel xirjiet sa ċertu limitu ta' kreditu. Il-bilanċ jew jitħallas kollu qabel it-tmiem ta' perijodu speċifikat, jew jitħallas parzjalment, waqt li l-bilanċ li jibqa' jitqies bħala kreditu estiż li fuqu d-dentenur tal-kard ikollu jħallas l-imgħax.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA



## FLUS KONTANTI FIS-SEPA

It-tħaddim bla xkiel ta' sistemi tal-pagament jitlob għadd ta' strumenti diversi, inklużi l-flus kontanti.

Biex tinħoloq "żona unika ta' kontanti euro" għall-professjonisti fil-maniġġ tal-flus, il-BĊE ftiehem dwar għadd ta' miżuri bil-ħsieb li jikkontribwixxi għal ambjent ġust u kompetittiv f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi tal-flus kontanti tal-Eurosistema. Dawn il-miżuri jirreferu għall-industrija bankarja, li hi l-kontroparti ewlenija tal-Eurosistema għas-servizzi tal-flus kontanti, u li hi wkoll l-intermedjarju tagħha fil-provvediment tal-flus kontanti għall-pubbliku in ġenerali. Se jiġu implimentati passi oħra biex, fuq żmien medju, jiġu armonizzati iżjed is-servizzi tal-flus kontanti tal-BĊN.

Min joħroġ il-karti tal-flus?

Il-BĊE għandu l-jedd esklussiv biex jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus fi ħdan iż-żona tal-euro. Il-BĊN tal-Eurosistema jqiegħdu l-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni billi jipprovduhom lis-settur bankarju. Il-mezz ewlieni tad-distribuzzjoni lill-pubbliku in ġenerali hu dak tal-ATMs.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA

## > INFRASTRUTTURI TAS-SEPA

Il-qafas imwaqqaf mill-EPC li jirregola l-mekkaniżmi tal-ikklerjar u s-saldu fi ħdan is-SEPA jistabbilixxi l-prinċipji li jippermettu lill-fornituri tal-infrastrutturi jikklerjaw il-pagamenti li jsiru bl-użu tal-iskema tas-SEPA għat-trasferiment tal-kreditu u għad-debitar dirett. Il-qafas jifred ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-iskemi (jiġifieri r-regoli għall-istrumenti differenti tal-pagament) minn dawk tal-infrastrutturi (jiġifieri l-fornituri li joffru servizzi tal-ipproċessar lill-istituzzjonijiet finanzjarji). Il-qafas fih ukoll klassifika tat-tipi differenti ta' infrastrutturi, li jvarjaw minn PEACHs u arranġamenti bejn gruppi, sa arranġamenti purament bilaterali. Il-qafas għall-mekkaniżmi tal-ikklerjar u s-saldu fi ħdan is-SEPA daħal fis-seħħ f'Jannar tal-2008.

### KARATTERISTIĊI TAL-INFRASTRUTTURI GĦALL-IKKLERJAR U S-SALDU FI ĦDAN IS-SEPA

L-għan tal-Eurosistema hu li l-infrastrutturi ewlenin ikunu jistgħu jibgħatu/jirċievu pagamenti f'euro bl-użu tal-istrumenti tal-pagament tas-SEPA lill-/mill-banek kollha fiż-żona tal-euro. Il-banek jistgħu jkunu aċċessibbli direttament, indirettament permezz ta' banek intermedjarji, jew indirettament permezz ta' links bejn l-infrastrutturi. Għal skambju effiċjenti ta' messaġġi ta' pagament, il-fornituri tal-infrastrutturi għandhom jadottaw regoli uniformi għall-operazzjoni bejniethom. Għan ieħor hu li tiġi żgurata trasparenza sħiħa f'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi u l-prezzijiet tal-fornituri tal-infrastrutturi.



X'inhuma l-ikklerjar u s-saldu?

**L-ikklerjar** hu l-proċess ta' trasmissjoni, tqabbil u konferma tal-ordnijiet tal-pagament, u li jistabbilixxi pożizzjoni finali għas-saldu (abbażi ta' transazzjonijiet individwali jew ta' għadd ta' transazzjonijiet).
**Is-saldu** hu t-trasferiment ta' fondi bejn min qed iħallas u min qed jitħallas (u bejn il-bank ta' min qed iħallas u l-bank ta' min qed jitħallas).

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA



Għalhekk, l-ikklerjar u s-saldu fis-SEPA se jiġu mfassla biex jiżguraw:
> l-aċċessibilità tal-banek kollha taż-żona tal-euro;
> il-firda bejn l-iskemi u l-infrastrutturi.

## > STANDARDIZZAZZJONI

Għall-iskemi tal-pagament tas-SEPA, l-EPC għażel li juża standards internazzjonali magħrufa. L-għan hu li l-pagamenti kollha f'euro jiġu pproċessati b'mod awtomtiku (mill-bidu sat-tmiem). Dan hu proċess bi tliet saffi.

> Fir-regolamenti għat-trasferimenti tal-kreditu u għad-debitar dirett tas-SEPA, l-EPC daħħal **rekwiżiti operazzjonali** li jiddeskrivu l-elementi tad-dejta li għandhom jiġu skambjati bejn l-intermedjarji finanzjarji. Abbażi ta' dawn ir-rekwiżiti operazzjonali, l-EPC identifika **rekwiżiti loġiċi**.

> Fl-aħħar saff, dawn ir-rekwiżiti loġiċi jsiru **standards tal-messaġġ** konkreti. L-istandards magħżula huma standards tal-messaġġi UNIFI (ISO 20022) XML, żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni. L-EPC żviluppa wkoll sett ta' linji gwida għall-implimentazzjoni tas-SEPA li jiddefinixxu l-użu tal-istandards tal-messaġġi UNIFI.

L-EPC iddeċieda li l-istandards UNIFI se jkunu obbligatorji fil-qasam interbankarju, u rakkomandati fil-qasam klijent-lill-bank.

X'inhuma l-istandards ?

L-istandards huma regoli li jikkontrollaw it-teknoloġija, l-imġieba u l-interazzjoni. L-istandards tekniċi huma meħtieġa biex jippermettu l-interazzjoni u l-operazzjoni bejn id-diversi sistemi TI u biex iħeġġu l-awtomazzjoni tal-proċess tal-pagament.

# IL-KOMPONENTI TAS-SEPA

## > QAFAS LEGALI

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament tistabbilixxi l-qafas legali meħtieġ għall-pagamenti bis-SEPA, u se tapplika wkoll għall-prodotti eżistenti għall-pagamenti nazzjonali. Il-PSD ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE fl-2007. Din għandha tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali mhux iżjed tard minn Novembru 2009. Id-Direttiva fiha tliet elementi fundamentali, li huma deskritti hawn taħt.

### ID-DRITT LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI TA' PAGAMENT GĦALL-PUBBLIKU

L-għan tad-Direttiva hu li jiġu armonizzati r-rekwiżiti biex il-fornituri tas-servizzi tal-pagamenti li mhumiex banek ikollhom aċċess għas-suq. Dan se jgħin biex iħeġġeġ l-innovazzjoni u joħloq l-istess kondizzjonijiet għal kulħadd b'kompetizzjoni mtejba.

### REKWIŻITI TA' TRASPARENZA U INFORMAZZJONI

Id-Direttiva tistabbilixxi sett ċar u konċiż ta' rekwiżiti armonizzati ta' informazzjoni li għandhom jiġu sodisfatti mill-fornituri kollha tas-servizzi tal-pagament, meta jkunu qed joffru kemm prodotti tal-pagament bis-SEPA kif ukoll il-prodotti tal-pagament nazzjonali eżistenti. Dan se jtejjeb it-trasparenza għall-klijenti, u se jarmonizza għal kollox ir-regoli nazzjonali, li bħalissa jvarjaw bil-bosta.

X'inhi l-PSD?

Fl-2007, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE adottaw Direttiva dwar is-servizzi tal-pagament fis-suq intern, id-"Direttiva dwar is-Servizzi tal-Pagament". Din id-Direttiva se tiżgura li l-istess qafas legali japplika għall-pagamenti kollha li jsiru fl-Ewropa.

### ID-DRITTIJIET U L-OBBLIGI TAL-UTENTI U TAL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-PAGAMENT

Id-Direttiva se tipprovdi ċarezza u sigurtà għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet u l-obbligi bażi tal-utenti u tal-fornituri tas-servizzi tal-pagament. Din se tipprovdi wkoll il-qafas legali meħtieġ għas-SEPA, billi se tarmonizza d-diversi rekwiżiti legali nazzjonali li huma fis-seħħ bħalissa.





4

# IS-SEPA U L-EUROSISTEMA

## > FEHMA TAL-EUROSISTEMA DWAR IS-SEPA

L-Eurosistema tara s-SEPA bħala "suq integrat għal servizzi ta' pagament li hu soġġett għal kompetizzjoni effettiva u fejn ma hemm ebda distinzjoni bejn pagamenti trans-konfini u pagamenti nazzjonali fi ħdan iż-żona tal-euro".

Stqarrija konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Bank Ċentrali Ewropew, Mejju 2006

Għaliex l-Eurosistema hi involuta fis-SEPA?

L-interess tal-Eurosistema fil-proġett tas-SEPA u fl-integrazzjoni finanzjarja tas-sistemi tal-pagament in ġenerali hu bbażat fuq l-obbligu statutorju tagħha, kif stabbilit fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tħeġġeġ it-tħaddim bla xkiel tas-sistemi tal-pagament u li tħares l-istabbiltà finanzjarja.

## > FOKUS TAL-EUROSISTEMA

L-Eurosistema tħeġġeġ l-iżvilupp kontinwu tas-SEPA biex tiżgura li l-ħtiġijiet u l-esiġenzi tal-klijenti jiġu sodisfatti. L-għan immedjat hu li:

> l-iskemi tad-debitar dirett tas-SEPA jkunu disponibbli għall-utenti kollha minn Novembru 2009;
> jibqgħu għaddejjin l-inizjattivi għall-iżvilupp ta' skema addizzjonali tal-kards Ewropea;
> l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA jitjiebu permezz ta' servizzi ta' valur miżjud (ħruġ elettroniku ta' kontijiet, tqabbil elettroniku, bidu ta' pagament onlajn, eċċ.), biex jiġi żgurat STP mill-bidu sat-tmiem għall-pagamenti kollha bis-SEPA.

# IS-SEPA U L-EUROSISTEMA

## > BIEX JIĠI ŻGURAT IL-ĦOLQIEN TAS-SEPA

Biex tistabbilixxi s-SEPA, l-Eurosistema qed tipprovdi sostenn billi taġixxi bħala katalista għall-bidla u se tibqa':

> tipprovdi gwida biex jinkiseb suq għall-pagamenti individwali li jkun fl-aħjar interess tal-UE;
> taħdem mas-settur pubbliku biex tiżgura li dan is-settur jadotta minn kmieni l-prodotti tal-pagament tas-SEPA fil-pajjiżi kollha;
> taħdem mal-utenti kollha biex tiżgura li l-aspettattivi tagħhom jiġu rikonoxxuti mill-EPC;
> tikkontribwixxi għall-koordinament tal-isforzi tal-komunikazzjoni:
  > f'livell trans-konfini mal-Kummissjoni Ewropea u l-EPC, biex jiġu kkoordinati l-attivitajiet tal-komunikazzjoni tagħhom;
  > f'livell nazzjonali mal-korpi tal-koordinament li twaqqfu fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. Dawn il-korpi jikkonsistu prinċipalment minn rappreżentanti tal-gvernijiet nazzjonali, tal-assoċjazzjonijiet bankarji nazzjonali u tal-BĊN. L-għan tagħhom hu li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-komponenti bażi tas-SEPA u li jiġi żgurat li l-komunitajiet bankarji nazzjonali jiġu mgħarrfa dwar is-SEPA u jkunu mħejjija għaliha.



# IS-SEPA U L-EUROSISTEMA



## > L-ASPETTATTIVI TAL-EUROSISTEMA FUQ ŻMIEN TWIL

L-Eurosistema tħeġġeġ lill-EPC biex jibqa' jaħdem ħalli jiżviluppa suq uniku u innovattiv għall-pagamenti individwali fiż-żona tal-euro, li jissodisfa l-ħtiġijiet u l-esiġenzi taċ-ċittadini Ewropej. Fuq żmien twil, l-Eurosistema tistenna li l-pagamenti kollha taż-żona tal-euro jsiru pagamenti lokali, u jilħqu livell ta' sigurtà u effiċjenza li jkun għoli għall-inqas daqs dak tal-aħjar sistemi nazzjonali tal-pagament ta' bħalissa.

### KWALITÀ

Fis-SEPA, il-pagamenti f'euro se jkunu tajbin daqs, u idealment aqwa mill-aħjar pagamenti nazzjonali li huma disponibbli bħalissa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħeffa u l-konvenjenza.

### INVOLVIMENT TA' MIN GĦANDU INTERESS

Dawk kollha li għandhom interess se jkunu involuti fl-iżvilupp kontinwu tas-SEPA. Għalkemm, fuq żmien qasir, is-SEPA tirrappreżenta sfida għal kulħadd, fuq żmien twil toffri opportunità sinifikanti kemm għall-integrazzjoni Ewropea kif ukoll għall-progress teknoloġiku.

### SIGURTÀ

Il-klijenti se jħossuhom iżjed żguri meta jużaw l-istrumenti tal-pagament tas-SEPA, li huma mħarsa b'sett ta' standards minimi tas-sigurtà.

### STANDARDIZZAZZJONI

Fuq żmien twil, il-pagamenti kollha fiż-żona tal-euro se jsostnu STP mill-bidu sat-tmiem abbażi ta' standards miftuħa u bla rbit proprjetarjali.

### GĦAŻLA

Dawk li għandhom interess se jkunu jistgħu jagħżlu bejn strumenti tal-pagament tas-SEPA li huma trasparenti għal kollox, u mhux se jkunu limitati mill-konfini nazzjonali. Il-klijenti kollha se jkollhom għażla ikbar ta' banek u prodotti tal-pagament. Fl-aħħarnett, l-istituzzjonijiet finanzjarji se jkunu jistgħu jagħżlu bejn firxa wiesgħa ta' fornituri ta' infrastrutturi u ta' proċessuri tal-kards.

### KOMPETIZZJONI

Is-SEPA se toħloq iżjed kompetizzjoni billi tbiddel iż-żona tal-euro f'suq integrat fejn il-fornituri jistgħu joffru s-servizzi tagħhom liż-żona kollha tal-euro, bla ma jingħata kas tal-konfini nazzjonali.

© Bank Ċentrali Ewropew, 2009

| | |
|---|---|
| **Indirizz** | Kaiserstrasse 29,<br>60311 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Indirizz postali** | Postfach 16 03 19,<br>60066 Frankfurt am Main, il-Ġermanja |
| **Telefon** | +49 69 1344 0 |
| **Websajt** | http://www.ecb.europa.eu |
| **Fax** | +49 69 1344 6000 |
| **Tqassim u disinn** | Alexander Weiler,<br>Visuelle Kommunikation,<br>Hünstetten, il-Ġermanja |
| **Stampat minn** | Imprimerie Centrale s.a.,<br>il-Lussemburgu |

**Il-jeddijiet kollha miżmuma.**

ISBN (onlajn) 978-92-899-0587-9



MT